MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2012

Numru 1262/2011

**Il-Pulizija**

**(Spettur Carlos Cordina**

**Spettur Luke Bonello)**

**vs.**

**Emanuel Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta’ Emanuel Farrugia ta’ sebgha u erbghin (47) sena, bin Alfred u Karmena xebba Ciantar, imwieled Pieta, fit-12 ta’ Dicembru 1963, detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 015364M, u residenti 50, Naxxar Road, Birkirkara, akkuzat talli fit-12 ta’ Novembru 2011 u fil-jiem ta’ qabel din id-data:

f’dawn il-Gzejjer seraq pistola ta’ ghamla Haven MP25 b’numru ta’ serje 1868545 li jiswa aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (Euro 232.94) pero’ anqas minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro (Euro 2,329) ghad-detriment ta’ persuna mhux maghrufa liema serq hu aggravat bil-valur tal-haga misruqa.

2) fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi xjentement laqa’ ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat jew xjentement b’kull mod li jkun indahal biex imexxihom;

3) minghajr hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ Shawn Joseph Aquilina detentur ta’ karta ta’ l-identita’ bin-numru 0390984 flimkien ma’ nies ohra hebbew ghalih u kkagunawlu feriti ta’ natura gravi skont kif iccertifikat mit-Tabib Dorienne Bigeni 5272 MD;

4) fl-istess data, lok u cirkostanzi minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellu fil-pussess jew kontroll tieghu, jew kellu f'idejh jew fuqu, arma tan-nar u munizzjon barra minn fond jew post li jaghmel mieghu;

5) fl-istess data, lok u cirkostanzi gie fil-pusses ta' arma tan-nar, jigifieri pistola ta' ghamla Haven MP25 b'numru ta' serje 1868545 u munizzjon, xort'ohra milli b'licenzja u minnufih naqas jaghti avviz taghhom lill-Kummissarju tal-Pulizija halli jordna jekk dik l-arma tan-nar jew munizzjon ghandhomx jinzammu taht idejn il-Pulizija jew taht idejn il-persuna li tkun tat dak l-avviz;

6) Kiser il-paci pubblika b'ghajjat u glied

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbilita mil-Ligi, tordna ukoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat Artikoli 214, 216(1)(b), 261(c), 267 u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u kif ukoll Artikoli 5(1)u 41 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li waqt is-seduta tat-12 ta’ Jannar 2012, l-Ufficjal Prosekutur rega’ pprezenta, qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi u li rega’ sar l-ezami (minghajr gurament) tal-imputat.

Rat li waqt is-seduta tat-12 ta’ Jannar 2012, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u li kkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

**Ikkunsidrat**

Illi minkejja li meta nqraw l-akkuzi l-ewwel darba, cioé fl-14 ta’ Novembru 2011, l-imputat ma kienx irregistra ammissjoni, pero ladarba l-akkuzi regghu inqraw fis-seduta tal-lum, l-imputat seta’ jipprevalixxi ruhu minn dak li jiddisponi Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi, *di fatti*¸ f'decizjoni moghtija fis-26 ta' Ottubru 2011 mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Anton Vassallo** (Appell Kriminali Numru 324/2011), il-Qorti qalet hekk: *"Fil-kaz in ezami, nonostante illi meta l-appellat tressaq inizjalment fl-24 ta' Gunju 2011 iddikjara ruhu mhux hati, fis-6 ta' Lulju 2011, in vista taz-zieda fl-imputazzjonijiet, il-proceduri bdew mill-gdid u galadarba dakinhar sar l-ezami bla gurament mill-gdid ta' l-appellat, huwa seta' jipprevalixxi ruhu minn dak li jiddisponi l-Artikolu 392A imsemmi"*.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Ufficjal Prosekutur ddikjara li t-tieni imputazzjoni hija alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni u li ma gew nominati l-ebda esperti jew periti f'dawn il-proceduri

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni in-natura tar-reati, il-fedina penali tal-imputat u l-ammissjoni tieghu f'dawn il-proceduri

Illi fis-seduta tallum kemm l-Ufficjal Prosekutur u kif ukoll id-difiza ddikjaraw li piena ta’ prigunerija effettiva kienet wahda idonea.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, fid-dawl tal-ammissjoni ta’ htija ta’ l-imputat ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u fid-dawl tad-dikjarazzjoni tal-Ufficjal Prosekutur li t-tieni imputazzjoni hija alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-tieni imputazzjoni, wara li rat Artikoli 214, 216(1)(b), 261(c), 267 u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u kif ukoll Artikoli 5(1) u 41 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati tal-ewwel (1), tat-tielet (3), tar-raba’ (4), tal-hames (5) u tas-sitt (6) imputazzjonijiet u tikkundannah ghal piena ta’ tmien (8) xhur prigunerija effettivi.

Il-Qorti tordna wkoll l-konfiska ta’ Dok. “A” u d-distruzzjoni tieghu taht il-harsien tar-Registratur.

Il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat jigi kkundannat ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti skond l-Artikolu 533 tal-

Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta peress illi rrizulta li ma gew imqabbda l-ebda esperti jew periti.

Il-Qorti tordna li *ai termini* ta’ l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-atti kollha ta’ dawn il-proceduri u kopja ta’ din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------